MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 93/2007

**Il - Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
***… omissis …***
**Marquita Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marquita Camilleri talli fil-11 ta' Jannar 2006 ghall-habta tat-3.45 p.m. u fix-xhur ta' qabel fl-Msida kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk taghti xi piena, tordnalha t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed ghal dak il-ghan, izda f'ebda kaz

iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti, u jekk min jaghmel ir-reat jonqos li jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, hu jkun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, ammenda ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Marzu 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Marquita Camilleri hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u, wara li rat l-artikoli 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha *ammenda* ta' Lm25 u, wara li rat l-artikolu 377(3) ta' l-istess Kap. 9, ordnat sabiex tnehhi l-inkonvenjent billi tnehhi l-pjanu minn mal-hajt ta' l-appogg mid-dar tal-kwerelanti Schembri u li minn dakinhar tas-sentenza 'il quddiem l-imsemmi pjanu ghandu jindaqq biss bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. u l-10.00 a.m. sa 12.00 p.m.;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Marquita Camilleri ipprezentat fit-12 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti (1) tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja u kkunannatha thallas *ammenda* ta' Lm25, u (2) tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata in kwantu ordnat illi l-imsemmi pjanu ghandu jindaqq biss bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. u l-10.00 a.m. sa 12.00 p.m. u dan bi ksur tad-dritt kostituzzjonali taghha illi tgawdi hwejjigha b'mod l-aktar ampju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Wara li din il-Qorti semghet il-provi kollha, huwa ovvju illi l-appellanti Marquita Camilleri m'ghandha x'taqsam xejn mal-kaz. L-ilment tal-familja Schembri jirrigwarda d-daqq

ta' pjanu minn Erica Camilleri, oht l-appellanti Marquita. Marquita Camilleri giet imharrka flimkien mal-genituri taghha izda giet imharrka ghal xejn peress illi ma gie allegat xejn fil-konfront taghha. U jekk il-konjugi Schembri xehdu quddiem l-ewwel Qorti kif xehdu quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex Marquita Camilleri nstabet hatja wkoll mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Marquita Camilleri, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu tirreferi ghall-imsemmija Marquita Camilleri u minflok tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni, piena u ordni taht l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------